**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT95/20/B

Christopher u Maria Carla Drago
Vs
Fair Deal Furniture (Malta) Ltd.

Illum 27 t'Awwissu, 2021

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fit- 23 ta' Lulju, 2020 li permezz tieghu talab rifuzjoni tal-prezz imhallas fl-ammont ta' elf sitt mija hamsa u disghin Euro (€1695) rapprezentanti prezz ta' *reclining 3 seater sofa;*

Ra illi s-socjeta intimata baqghet ma ntavolatx risposta bil-miktub ghal din it-talba u baqghet ma attenditx ghas-seduti quddiem it-Tribunal minkejja illi gew debitament notifikati u wara li l-intimat Arnold Vella ikkonferma li ha jsolvi l-problema meta qal lir-rikorrent f'messagg: 'Sir is-sufan ha jkun jahdem np' u f'messagg iehor l-istess intimat ikkonferma li 'No problem jinbidel is-switch fil-kas' u 'no problem mhux ha tibqa' hekk';

Ra l-Atti tal-process;

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti Maria Carla Drago fejn xhedet kif hija u r-ragel taghha xtraw sufan gdid minghand is-socjeta' intimata u peress li l-intimati ma kienux joqoghdu fil-post fejn saret id-delivery meta saret l-istess delivery, kien biss meta marru joqghodu fil-post li l-intimati nehhewlu l-ahhar ftit karti li ndunaw li filwaqt it-two seater kien tajjeb, it-three seater kellu *r-recliner* ma tinghalaqx. Apparti dan, fuq in-naha opposta tal-istess sufan, kien hemm hofra li wiehed ma jistenniex fuq sufan gdid. Illi l-istess rikorrenti tishaq kif hija infurmat lis-socjeta' intimata bil-problema u ntalbet tibghat email. Minkejja li nghatat numru tal-customer care u cemplet diversi drabi, r-rikorrenti baqghu minghajr risposta. Hija tghid li kien ghalhekk li r-ragel taghha mar ix-showroom tas-socjeta' intimata u sforz l-insistenza tar-rikorrent, inghata appuntament biex jmur it-technician fuq il-post u jispezzjona s-sufan hekk difettuz. Waqt li jispezzjona s-sufan, ir-rikorrenta tghid kif kien it-technican stess li kkonferma maghha u mar-ragel taghha li s-sufan kien filfatt difettuz, kif ukoll li l-hofra li kellu s-sufan ma kinitx l-ewwel wahda tax-xorta taghha li ra t-technician u li tali hofor jigu kawza tal-mod kif jigu ippustjati s-sufanijiet fil-container, tant li xi drabi l-istess tip ta' hofor kienu jigu mimlija biex jitranga d-dar tas-sufan. Minkejja li t-technician ftiehem mar-rikorrenti li kellhom jigu kkuntatjati minghand is-socjeta intimata' wara li l-istess technician jinfurmhom b'dak li spezzjona, r-rikorrenta tikkonferma li filfatt la hi u lanqas ir-ragel taghha ma gew ikkkuntatjati. Hija tkompli billi tghid li kien ghalhekk li kienu huma

stess li kkuntatjaw lix-showroom u wara li gew ikkuntatjati lura, huma gew infurmati li kellu jmur xi hadd biex jaghmel ir-riparazzjonijiet necessarji. Minkejja dan, ir-rikorrenta tishaqq li dawn l-istess riparazzjonijiet baqghu ma sarux, anke wara li r-rikorrent Christoper Drago kkuntatja lill-intimat Arnold Vella ghal-appuntament u l-intimat qallu li minhabba problemi personali, kellu jaghtih ftit zmien. Anke wara li r-rikorrenti talbu appuntament iehor minhabba li l-appuntament li nghataw kien minghajr ebda notifika u ghalhekk huma kienu x-xoghol, l-intimat falla milli jaghti appuntament iehor. Ir-rikorrenta tikkonkludi x-xhieda taghha billi tghid li wara li regghet ikkuntatjat u talbet lill-intimat jaghtiha sufan gdid, dan tal-ahhar qatghalha l-linja u ghalhekk kellhom jiehdu passi legali.

Semgha x-xhieda ta' r-rikorrent Christopher Drago fejn fix-xhieda tieghu ikkonferma dak li qalet ir-rikorrenta mara tieghu. Huwa jkompli billi jikkonferma illi r-ritratti hekk mghorija lilu kienu filfatt ritratti tas-sufan in kwistjoni u kif ukoll messaggi li kien baghat hu stess lill-intimat. Jispicca din ix-xhieda billi jishaqq li meta saret id-delivery tas-sufan, l-ippakjar kien wiehed maghmul bl-addocc u mqatta u li rizultat ta' dan kollu lamentat, hu u l- mara tieghu ghadhom bis-suzan difettuz.

Ra d-Dokumenti esebiti bhala Dok 02 li huma ritratti li juru bic-car id-difetti hekk imqajjma mir-rikorrenti, specificament *ir-recliner* fis-sufan three seater li ma tinghalaqx u l-hofra fin-naha opposta tal-istess sufan. Dokument iehor esebit huwa dak immarkat Dok 03 li jikkonsisti f'messaggi bejn ir-rikorrent u l-intimat. L-ahhar dokument esebit u li huwa mmarkat bhala Dok 04 hija l-ittra bl-avukat mibghuta mir-rikorrenti lill-istess intimat fejn qed jintghalab jikkonforma mat-talbiet tar-rikorrenti.

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti kienu xtraw reclining three seater gdid u dan f' Gunju tas-sena 2019 minghand is-socjeta' intimatai ghall-prezz ta' elf sitt mija hamsa u disghin Euro (€1695), li gew imhallsa kollha. Illi r-rikorrenti spjegaw bil-gurament taghhom illi s-sufan mill-ewwel kellu xi difetti, partikolarment *ir-recliner* li ma tinghalaqx u l-hofra fid-dar tas-sufan, liema difetti qatt ma gew irrangati mis-socjeta' intimata;

Illi r-rikorrenta tispjega kif l-stess difetti kienu immediatamente irrapurtati lis-socjeta' intimata u anke lill-intimat innifsu Arnold Vella;

Illi r-rikorrenti komplew jishqu wara l-intimat biex jirranga jew jibed is-sufan hekk difettuz;

Illi f'wiehed mill-messaggi bejn ir-rikorrent u l-intimat li jifforma parti mini Dok 03 , l-intimat innifsu jikkonferma li kellu jsolvi din il-problema fejn qallu 'Sir is-sufan ha jkun jahdem np' u f'message iehor l-istesss intimate jghidlu li 'No problem jinbidel is-switch fil-kas' u 'no problem hux ha tibia hekk';

Illi minkejja l-weghdiet tal-intimat li ha jsolvi din il-problema, huwa baqa' ma ghamilx appuntament mar-rikorrenti biex jirranga s-sufan;

Illi barra li naqas mill-obbligazzjoni kuntrattwali hekk imposta fuqu max-xiri tal-istess sufan, l-intimat naqas ukoll li joffri rifuzjoni, aktar u aktar meta r-rikorrenti ma jistawx juzaw is-sufan kif jixtiequ minhabba d-difetti msemmija u ghalhekk l-istess rikorrenti ma kellhomx ghazla ohra hlief li jirrikorru ghal dan l-Onorabbli Tribunal;

Illi dan it-Tribunal wara li sema' l-provi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti ma ghandhux dubju illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija verosimili u ghalhekk haqqa tigi milqugha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf sitt mija hamsa u disghin Euro (€1695) b'dana pero s-socjeta' intimata jkollha d-dritt wara l-hlas li terga tirritorna ir-*reclining* sofa in kwistjoni.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra s-socjeta' intimata.

Avv. Paul Borg
Arbitru